# Ħarsa lejn... IL-BANDA SAN FILEP ... u ġrajjietha

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġrajja storika tat-tkattir tal-kultura tal-banda f'pajjiżna, inkunu qegħdin innaqqsu mill-ġieħ ta' missirijietna u tal-ġrajja glorjuża ta' raħal twelidna, meta ngħidu, "li l-banda f'Ħaż-Żebbuġ bdiet fl-1860 mit-tant imsemmi Mastru Indri Borg".

Mingħajr ma nnaqqsu xejn mill-kobor ta' dan is-Surmast Direttur, li mexxa l-Banda San Filep mis-sena 1860 sal-1868, illum b'konferma ngħidu u nafu lkoll, li f'Ħaż–Żebbuġ fl-1777 daħal l-użu tal-banda fil-proċessjoni ta' San Filep, u fi proċessjonijiet ta' festi oħra eżistenti dak iż-żmien. L-istess kittieb Castagna jgħidilna hekk, "li l-banda bdiet fis-sena 1777 bl-impenn tal-Gran Mastru De Rohan".

Fil-ktejjeb tal-programm 'sena 1993', ipprovdejna dokumenti biżżejjed li bihom deher ċar, li l-banda li kienet teżisti f'Ħaż-Żebbuġ madwar 200 sena ilu, kienet iffurmata minn mużiċisti Żebbuġin, maturi fit-tagħlim tal-mużika. Dawn il-mużiċisti ħaqqhom kull tifħir. Kienu huma li żergħu iż-żerriegħa tal-mużika f'beltna li swiet bħala nukliju li minnu ħarġet ix-Xirka Mużikali San Filep. Il-Banda San Filep hi frott ta' dik iż-żerriegħa li maż-żmien ixxettlet u kibret u saret familja ta' rġiel, nisa u żgħażagħ.

Min hu dilettant ta' l-istorja glorjuża ta' raħal twelidna jaf, li t-twelid uffiċjali tal-Banda San Filep skond il-liġijiet ta' dak iż-żmien, jaf il-bidu tiegħu fis-sena 1851. Din is-sena jaħbat il-mija u tlieta u erbgħin sena ta' ħajja bla heda mużikali ta' din il-Banda bi ġrajja kbira. Il-Għaqda tagħna f'daqshekk ħajja twila bħal kull familja oħra fid-dinja, ma jistax jonqos li ma tgħaddix minn żminijiet imżewqa bi ġrajjiet sbieħ u glorjużi u ġrajjiet iebsin li nisslu dwejjaq. Iżda bil-qalb kbira tal-membri tagħha, taħt il-Patruċinju tal-Qaddis kbir San Filep, protettur tagħha dejjem baqgħu mexjin 'il quddiem.

## L-ewwel żmien tal-Banda

Insibu miktub li fil-bidu tas-sena 1850 għadd ta' ċittadini Żebbuġin diġa' mħarrġin tajjeb fil-mużika minn ta' quddiem nett iż-żagħżugħ surmast Filippu Galea, mgħejjun minn missieru, is-surmast Anġlu Galea, middew għonqhom għat-tagħlim tal-mużika fost numru ta' żgħażagħ Żebbuġin. F'din l-iskola ġdida għat-tagħlim tal-mużika u taħriġ ta' l-istrumenti tal-banda, huma rnexxielhom iħarrġu tajjeb biżżejjed għadd ta' mużikanti biex fi żmien ta' madwar sena u nofs iffurmaw banda u din setgħet tiegħu sehem għall-ewwel darba bħala l-Banda di San Filippo fil-festa ta' San Filep nhar it-12 ta' Mejju 1851. Din l-istess banda ftit ġimgħat wara reġgħet daqqet programm mużikali ieħor fil-festa Ad Unur ta' Sidna Marija tal-Karità. F'dawn iż-żewġ programmi mużikali l-Banda San Filep kienet immexxieha mis-Surmast Direttur tagħha, Filippo Galea.

Dan hu l-bidu tad-dħul mill-Banda San Filep fil-ħajja soċjali tar-raħal. Hawnhekk tajjeb li ngħidu li l-Arċipriet u l-Kleru ta' dak iż-żmien għenu kemm setgħu biex din il-għaqda ġdida mużikali setgħet timxi 'il quddiem, u fl-ewwel kumitat li ħatret ix-Xirka tal-Banda San Filep, kif kien xieraq li tagħmel, għażlet lil Filippu Galea l-Fundatur, l-ewwel President u Surmast Direttur tal-Banda u lill-Arċipriet Dun Saver Vassallo, Kappillan Spiritwali tal-Għaqda.

Il-ħajja tal-poplu Żebbuġi għaż-żmien li qegħdin insemmu kienet ta' livell aċċettabbli. Ix-xogħol kien qiegħed jiġġenera mhux ħażin fir-raħal. Kien żmien meta ż-Żebbuġin kellhom xewqa kbira li tinħadem statwa artistika għall-parroċċa tagħhom. Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien din ix-xewqa aktar

bdiet tikber fosthom. Il-poplu magħqud kollu kemm hu, kien ħuġġieġa waħda għall-festa titulari tiegħu, kemm għal dik ta' ġewwa l-knisja kif ukoll għal dik ta' barra. F'ċirkustanzi bħal dawn it-twaqqif tal-banda ntlaqa' tajjeb ħafna u x-xirka tagħha mexa bil-għaġġla 'l-quddiem. Dan jistqarru s-Saċerdot kittieb Dun Salv Ciappara, li kien igħix f'dak iż-żmien ta' l-ewwel snin tal-banda "Sa mill-ewwel żmien tal-banda deher ċar bil-bosta li din kienet se timxi 'l quddiem b'pass imgħaġġel".

Mat-twelid tal-Banda San Filep f'Ħaż-Żebbuġ, b'kumbinazzjoni jew għax id-destin ried ikun hekk, l-Ingilterra ħatret lil William Reid bħala l-Gvernatur għal dawn il-gżejjer Maltin. Iż-Żebbuġin rawh miġbud sew lejn belthom. Għal din ir-raġuni huma mxew b'mod tajjeb hafna miegħu, li min-naħa tiegħu dan il-Gvernatur bi tpattija pprovdilhom każin għall-banda tagħhom.

Barra minn hekk jingħad ukoll li għal ħabta tal-1856 kien hemm banda f'wieħed mir-riġmenti li kienu stazzjonati f'Malta fejn din il-banda għal xi raġuni bidlet l-uniformi tagħha. B'intervent f'waqtu mal-Gvernatur u mexxejja ta' dan ir-riġment, mis-Surmast Direttur Filippu Galea u missieru s-Surmast Anġlu Galea, Surmast Direttur hu wkoll, li kienu ta' ġewwa fost ir-riġmenti Ingliżi, urew ix-xewqa li din l-uniformi jakkwistawha għall-banda tagħhom. It-talba tagħhom ġiet milqugħa u din l-uniformi, bi ftit arranġamenti, ġiet irregalata lis-Surmast Filippu Galea f'isem il-Banda, fil-Union Club fil-preżenza ta' numru ta' Żebbuġin ingaġġati fir-riġmenti dak iż-żmien. Din l-uniformi bdiet tintlibes fil-programmi mużikali li l-Banda San Filep kienet ittella' matul il-ġranet tal-Festa ta' San Filep, waqt il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll waqt xi programmi mużikali, meqjusa ta' mportanza li kienet tesegwixxi l-Banda minn żmien għal ieħor.

Bi tpattija għal din l-għotja lill-banda tagħhom, kien hemm xi bandisti li marru jaħdmu r-raba' biswit il-palazz Verdala ġewwa l-buskett, li kien ferm għal qalb il-Gvernatur William Reid.

Kien minn din il-ġrajja li oriġinat "ġejjin tal-patata", li aktar tard tqablet f'kantalina jew taqbila ma' l-introduzzjoni ta' l-Innu tal-Banda San Filep minn xi nies li kienu għadhom jiftakru din il-ġrajja.

Hekk ukoll nistgħu nieħdu vers ieħor minn kantalina oħra "Wieħed għama ma redax", għax is-Surmast Direttur Indri Borg kien għama minn ċkunitu.

Għalkemm dawn huma kantalini tradizzjonali li ssawru mal-marċi tagħna, warajhom jinsabu ġrajjiet storiċi, li minnhom ikunu għaddew is-soċjetajiet mużikali li lejhom ikunu ndirizzati.

Min-naħa tal-membri tal-Għaqda Każin Banda San Filep huma wkoll kienu għamlu taqbiliet oħra li kienu jitkantaw waqt il-marċi tagħhom.

F'kelma waħda taqbiliet ta' din ix-xorta għandha kull banda. Għandna nieħdu dawn it-taqbiliet bi tbissima, u bi spirtu ta' allegrija li ġġib magħha l-festa tagħna, bil-marċi Maltin tal-baned tagħna.

Il-progress u l-popolarità tal-banda issa kienu kibru sew. Infatti nsibu li f'Jannar tas-sena 1860 tħallsu flus għal xogħol li kien sar fuq palk għall-banda. Din hi prova oħra li l-banda kienet teżisti qabel din is-sena.

F'dan ix-xahar ukoll li qegħdin insemmu ġie imwaqqaf fond biex jinġabru flus ħalli ssir statwa sabiħa ta' San Filep. Billi l-fondi kibru sew u malajr, ġie deċiż li l-istatwa kellha ssir tal-fidda. L-għajnuna offruta min-naħa tax-Xirka tal-Banda San Filep kienet siewja, u ta' fejda għal Dun Salv Trevisan, waqt li kien qiegħed isir il-ġbir għall-istatwa.

Jidher li mis-sena 1851 sas-sena 1863 is-sena tal-miġja ta' l-Istatwa ta' San Filep, fost il-poplu Żebbuġi, kienu tnax-il sena ta' ħajja sabiħa għax-Xirka Mużikali San Filep.

Wara l-laqgħa sabiħa li l-Banda San Filep u l-poplu Żebbuġi għamlu għall-okkażjoni tal-wasla minn Ruma ta' l-istatwa, kapolavur ta' Luigi Fontana fosthom, nhar id-29 ta' Lulju 1863 bdew il-preparamenti għall-festi speċjali li kellhom isiru f'Mejju ta' l-1864, proprju minn nhar it-8 ta' Mejju, u jkomplu sal-jum tal-festa proprju fit-12 ta' Mejju.

Kien għall-okkażjoni ta' din il-festa speċjali tat-Translazzjoni ta' l-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep, li żżanżan il-palk tal-banda forma ta' stilla u magħruf bħala l-iskorfina. Għal matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet l-Banda San Filep esegwiet erba' servizzi mużikali – tliet servizzi minnhom taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tal-Banda, Mastru Indri Borg, fejn ilkoll nafu li fit-tokk ta' dawn il-festi waqt it-translazzjoni msemmija, il-Banda tagħna żanżnet għall-ewwel darba innu ġdid Lil San Filep, kompożizzjoni ta' l-istess Surmast

Direttur. Ir-raba' servizz mużikali l-Banda San Filep għamlitu nhar it-12 ta' Mejju jum il-festa proprja. Għal dan il-jum il-Banda kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Gejtu Attard, Żebbuġi u membru tal-kumitat, għax is-Surmast Indri kien ħa riħ waqt il-festi. Dan Gejtu Attard barra li kien mużikant tajjeb, bħala mastrudaxxa prim kien wieħed mill-ħaddiema ewlenin li ħadmu fuq il-palk tal-banda. Għal aktar informazzjoni, ħafna mix-xogħol li sar fuq dan il-palk, inħadem ġewwa, dak iż-żmien remissa fejn illum joqgħod il-Professur Zammit, quddiem il-każin tal-lum. Lil Gaetano Attard insibuh ukoll President għas-snin 1873-1874.

Sa din il-festa speċjali tal-1864 fi ħdan ix-Xirka tal-Banda San Filep kienet tirrenja għaqda sħiħa bejn il-bandisti u l-membri kollha. Kienet teżisti ħidma kontinwa b'riżq il-banda fejn in-numru u l-kwalità tal-bandisti dejjem jikbru. Il-każin ukoll kien ġej 'il quddiem u allura s-sehem tal-banda fil-festa kien qiegħed jikber ukoll. Barra minn hekk il-Banda San Filep kienet diġà tieħu sehem fil-Ġimgħa l-Kbira u fil-proċessjonijiet li kienu jsiru f'Ħaż–Żebbuġ sa dak iż-żmien. Barra minn Ħaż-Żebbuġ imbagħad insibu li l-banda kienet diġà tieħu sehem f'xi festi, waħda minnhom kienet dik ta' San Duminku ġewwa l-belt Valletta.

Din il-festa ġiet iċċelebrata bl-akbar pompa. Għaddiet bl-akbar suċċess mixtieq, u għadna sal-lum niftaħru li Ħaż-Żebbuġ tagħna għal dik l-okkażjoni għamel festa mill-kbar nett.

Iżda ġara li Dun Saver Pisani, il-Prokuratur tal-Knisja Arċipretali, Saċerdot ħabrieki u li kien ħadem ferm fit-twaqqif tal-Banda San Filep, ħa ħsieb jagħti l-mużika lis-Surmast Paolo Nani biex bil-mużika tiegħu jsebbaħ il-ġranet kollha tal-festa, minn nhar it-8 ta' Mejju sa jum it-12 ta' Mejju 1864, jum il-festa. Il-mużika kollha għal din l-okkażjoni, swiet 300 skud. Dun Saver ma kellux ix-xorti jara din il-festa, il-għaliex hu miet qabel dħul April. Dun Tumas Debono ħadlu postu bħala prokuratur u kompla jaħseb għall-festa fuq dak li kien beda Dun Saver Pisani.

## Il-Mużika Sagra u t-Tieni Żmien tal-Banda

Missirijietna kienu jagħtu mportanza kbira lill-mużika sagra għall-okkażjoni tal-festa tagħhom. Iż-Żebbuġin kienu tal-fehma li l-funzjonijiet ta' ġol-knisja kellhom ikunu akkumpanjati b'mużika mill-aqwa. Anzi kienu jinsistu li kull sena tkun aqwa minn ta' qabel. Fis-sena 1688 l-ispejjeż tal-mużika għall-ġranet tal-festa ta' San Filep kienu ta' 12-il skud. Fis-sena 1727 kienu ta' 34 skud. Illum l-ispejjeż huma ferm ikbar, biss għadek issib il-kotra ta' nies li tintasab ġewwa l-Parroċċa matul iċ–ċelebrazzjonijiet tal-festa jisimgħu l-bċejjeċ mużikali sagri li jindaqqu flimkien mal-Antifona sabiħa In Sepulcrum tas-Surmast Direttur Karlu Diacono, miktuba għall-festa ta' San Filep fl-1929, ħamsa u sittin sena ilu.

Il-Mużika tas-Surmast Paolo Nani kienet sabiħa. Xejn inqas sabiħa minnha kienet il-mużika tas-Surmast Vincenzo Bugeja magħruf sew u popolari ħafna f'Ħaż-Żebbuġ. Is-sinjuri Vincenzo Bugeja u Paolo Nani kienu żewġ surmastrijiet kbar tal-mużika sagra. Kienu kompożituri dedikati u kapaċi. It-tnejn li huma kellhom l-ammiraturi tagħhom. Bejn dawn l-ammiraturi qamet rivalità ħajja. Huma kienu jiffullaw bi ħġarhom il-knejjes fejn kienet tkun qiegħda tindaqq il-mużika tagħhom.

L-esekuzzjonijiet tal-mużika wara li kienu jinstemgħu b'attenzjoni assidwa kienu jispiċċaw b'applawsi frenetiċi. Mhux biss hekk, iżda kien qiegħed jiġri li bejn dawn l-ammiraturi kien qiegħed jingħad jew jinkiteb kliem iebes, li spiss qabeż il-limiti aċċettabbli.

Il-Corriere Mercantile Maltese, kien appella lill-poplu biex jieqaf minn dawn il-piki bla sens, l-insulti u t-tgħajjir li kien qiegħed isir fuq din il-kwistjoni bejn il-partiti tal-mużika sagra.

Din is-sitwazzjoni msemmija kienet ukoll qiegħda twassal lil xi kappillani jew arċiprieti biex jiktbu lill-Isqof, jitolbuh biex jaħtar il-Maestro di Cappella regolari għall-parroċċi tagħhom.

Wara l-festa ta' l-1864 u l-introduzzjoni tal-mużika tas-Surmast Paolo Nani f'din il-festa, fi ħdan il-Għaqda tal-Banda San Filep magħrufa diġà 'Ta' l-Istilla', beda żmien ġdid, żmien mhux daqstant feliċi. Xi wħud mill-mużikanti tal-Banda San Filep ħarġu bl-opinjoni li għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Filep fil-Parroċċa għandha tibqa' tieħu sehem din l-orkestra ta' Nani. L-oħrajn fil-maġġoranza kbira tagħhom, ma qablux magħhom. Barra li ma rawx il-ħtieġa li jsir hekk,

il-mużika tas-Surmast Vincenzo Bugeja kienet ħafna għal qalbhom.

F'dan iż–żmien il-parroċċa tagħna ma kellhiex Arċipriet, minħabba l-mewt għall-għarrieda fit-2 ta' Mejju 1864 ta' l-Arċipriet Dun Franġisk Borg. Iktar tard f'dik is-sena, l-Isqof ħatar lil Dun Pietru Bartolo bħala Arċipriet ġdid. Ta' bniedem għaref li kien fil-ftit ġimgħat li għamel fost iż–Żebbuġin qabel il-pussess tiegħu, għaraf il-problema li issa kienet teżisti fost il-bandisti tal-Banda San Filep u f'Ħaż-Żebbuġ, fost il-parruċċani ġodda tiegħu. Hu kien jaf li kienet qiegħda titħejjielu festa kbira għax kien l-ewwel Arċipriet li kien se jieħu l-pussess tal-Knisja bl-Istatwa ta' San Filep ġol-knisja. Hu kien jaf ukoll li jekk tieħu sehem xi orkestra fil-knisja li tkun ta' xi wieħed mis-Surmastrijiet Vincenzo Bugeja jew Paolo Nani kien se jkollu xi wħud li kienu se jiddisgustaw irwieħhom.

Min-naħa l-oħra bil-preżenza f'Ħaż-Żebbuġ tas-Surmast Direttur Anġlu Galea, li kien ukoll Surmast Onorarju tal-Għaqda tal-Banda San Filep, l-Arċipriet il-ġdid rah il-bniedem ideali biex il-mużika sagra fil-Parroċċa ġdida tiegħu għall-waqt dan il-pussess, imexxiha hu.

Is-Surmast Anġlu Galea aċċetta bil-ferħ l-istedina ta' l-Arċipriet u nsibu li nhar il-15 ta' Settembru 1864 waqt il-pussess ta' Dun Pietru Bartolo bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Filep ħadet sehem l-orkestra tiegħu. Għal din l-okkażjoni dan is-Surmast żanżan antifona In Sepulcrum li dwarha jingħad li kienet sabiħa ħafna. B'hekk fejn wieħed seta' jara għallinqas fid-dieher, l-irjus kienu birdu xi ftit. Infatti fuq barra fejn wara li spiċċaw iċ-ċelebrazzjonijiet ta' ġol-knisja ħadet sehem il-banda San Filep magħquda u allegruża bħas-soltu.

Maż-żmien, f'Ħaż-Żebbuġ bħalma kien qiegħed jiġri f'postijiet oħra, il-polemiki dwar l-orkestra ta' ġol-knisja iktar bdew jitqajmu sikwit speċjalment meta kienet tkun qegħda toqrob il-festa ta' San Filep. Kien jidher ċar li l-Għaqda Mużikali San Filep ma setgħetx tibqa' mixja f'dan l-istat ta' diżgwid bejn il-mużikanti u l-membri tagħha. Jingħad li fl-ewwel snin tas-sebgħinijiet l-irjus tant kienu saħnu li dawk li kienu favur l-orkestra tan-Nani bdew jaħdmu kumplott biex meta l-mużikanti ta' l-orkestra mmexxieha minn Maestro Vincenzo Bugeja kellhom jaslu ħdejn il-bieb il-ġdid (Bieb De Rohan) bil-karozzini, lejlet il-festa ta' San Filep biex jieħdu sehem fit-translazzjoni ta' dik il-festa li kienet ġejja kellhom jisfrattawhom bi tfigħ ta' xi affarijiet, ibeżżgħuhom u dawn jitilqu lura. Iżda ġara li l-kumplott inkixef u ż-Żebbuġin flimkien mal-kumplament tal-Banda San Filep fil-maġġoranza tagħha, wasslu lil Maestro Vincenzo Bugeja u lill-mużikanti tiegħu sal-Parroċċa b'dimostrazzjoni kbira. B'tifkira ta' din il-ġrajja beda jsir il-marċ tradizzjonali tas-Sibt, lejlet il-festa li kien jibda għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar. Fil-ftuħ ta' dan il-marċ kienet tinħaraq musketterija twila li kienet tiddendel ma' l-antarjoli tal-logħob tan-nar ta' l-art. Dan il-marċ baqa' jsir sa l-ewwel snin ta' wara l-gwerra. Il-marċ ta' filgħodu li jsir illum ħa post ta' dan il-marċ.

## *It-Tielet Żmien tal-Banda*

Dawk li kienu favur l-orkestra tan-Nani, issa raw li ma kellhomx aktar post fi ħdan il-Għaqda tal-Banda San Filep u bil-mod, il-mod, isseparaw ruħhom mill-każin, u bdew jinġabru f'dar privata sakemm akkwistaw dar u organizzawha fi skola ġdida għat-tagħlim tal-mużika.

F'dan iż–żmien il-Għaqda tal-Banda San Filep kellha bħala President lis-Sur Michelangelo Debono u Surmast Direttur lil Maestro Giuseppe Borg. B'hekk f'Ħaż-Żebbuġ beda żmien ġdid b'żewġ każini tal-baned bil-kwistjonijiet u piki li l-firda ta' bejniethom bdiet iġġib magħha.

Jidher li maż-żmien din il-banda ġdida bdiet tieħu sehem fil-Festa ta' San Filep u baqgħet tagħmel hekk għal xi snin.

Meta seħħet il-firda, in-numru ta' bandisti tal-Banda San Filep kien kiber sew. Infatti din is-separazzjoni ta' numru ta' mużikanti minn magħha ftit li xejn għamel effett fuqha. Il-Banda baqgħet għaddejja regolari għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Filep u servizzi oħra li wettqet f'Ħaż-Żebbuġ, u barra mir-raħal. Il-Banda San Filep kienet ħafna attiva u popolari għas-snin li qegħdin niktbu dwarhom.

Fl-1890 għal xi raġuni li sabu ruħhom fiha, dawk il-membri li kienu jappartjenu l-"Casino S.Filippo" reġgħu rritornaw lura mal-banda antika tagħhom, il-Banda San Filep, fost festi kbar mill-membri taż-żewġ għaqdiet.

Nistgħu ngħidu wkoll li l-Banda San Filep ma baqgħetx tieħu sehem fil-festa ta' San Ġużepp

meta din il-festa ntrabtet mal-Każin tal-Banda De Rohan wara li kienet ilha tieħu sehem f'din il-festa sa mis-sena 1870 meta saret l-istatwa ta' San Ġużepp għall-parroċċa tagħna u fl-okkażjoni li l-Papa Piju IX pproklama lil San Ġużepp Padrun Universali tal-Knisja. Kif inkiteb drabi oħra nerġgħu ngħidu li l-Banda San Filep għal din l-okkażjoni żanżnett innu Lil San Ġużepp tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Giuseppe Borg.

## *Ir-Raba' Żmien tal-Banda*

Issa beda żmien ieħor f'Ħaż-Żebbuġ b'żewġ każini tal-baned u b'żewġ festi separati. Il-Għaqda Każin Banda San Filep taħdem u tistinka għall-Festa Titolari ta' San Filep u l-Għaqda Każin San Ġużepp Banda De Rohan taħdem u tistinka hi wkoll biex iġġib il-Festa Sekondarja ta' San Ġużepp 'il quddiem.

Iż–żewġ baned b'impika bejniethom bdew itellgħu programmi mużikali kbar f'Ħaż-Żebbuġ, ġewwa l-belt Valletta, kif ukoll fil-festi mxerrdin ma' Malta kollha.

Fl-1913 il-Każin Banda San Filep fakkar għeluq il-50 sena mill-miġja ta' l-istatwa tal-fidda ta' San Filep. Ftit li xejn wieħed jisma' lil min isemmi dan l-anniversarju. Biss għal dak li jirrigwarda l-Għaqda Każin Banda San Filep, mill-ispejjeż li jidhru fil-ktieb tad-dħul u l-ħruġ jidher infieq iżjed mis-soltu. Il-każin iċċelebra b'pompa iktar min-normal, kif kien jiġri kull sena.

Mal-festa ta' San Filep tas-sena 1924 saru festi kbar f'għeluq it-tieni ċentinarju mill-miġja tar-Relikwija. Għal din l-okkażjoni, inħadem armar ġdid ghall-pjazza bis-sehem sħiħ tal-membri tal-Każin tagħha li parti minnu għadna ngawduh illum. Reġà nżebagħ u rranġat il-palk il-qadim. Il-Banda San Filep tellgħet programm mużikali ta' l-ogħla livell, taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, Maestro Adeodato Gatt. Mal-banda tagħna ħadu sehem għadd ta' baned barranin. Il-Għaqda Każin Banda San Filep ma' din il-festa, inawgurat il-Każin il-ġdid tagħha. Kienu bosta dawk il-mistednin li żaru l-każin u tagħhom ħallew tifkira li għadha tinżamm b'għożża sal-lum.

Fl-1929 saret il-Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qalb ta' Ġesù. Ħadet sehem il-Banda San Filep u ġiet ipprezentata bandalora minn Lord Strickland lis-Soċjetà.

Kif rajna f'kitbiet oħra saż-żmien ikrah tal-Gwerra, il-ħajja tal-Għaqda Każin Banda San Filep kienet attiva ħafna.

Fi żmien il-Gwerra mbagħad, l-affarijiet inbidlu ħafna u l-attivitajiet tal-Għaqda Każin Banda San Filep ma baqgħux ħajjin bħal qabel, iżda min-naħa l-oħra ma nistgħux ngħidu li waqfu. Ħdejn bosta soċjetajiet mużikali oħra il-Każin San Filep baqa' għaddej. L-ewwel li rridu ngħidu hu li l-post tal-każin ma ġiex mogħti għar-refuġjati. Allura kien jiġri li kull filgħaxija il-każin kien jimtela bin-nies, kemm Żebbuġin kif ukoll ħafna barranin li kienu ġew joqgħodu fir-raħal.

Fit-28 ta' Jannar 1940, sar il-kuntratt tax-xiri tad-dar tal-każin. Dan il-kuntratt sar ġol-każin stess. Ħadet sehem il-Banda San Filep, fejn parti mill-programm mużikali tagħha, il-banda għamlitu ġewwa l-każin, minħabba l-maltemp u sar ukoll riċeviment.

Bejn it-18 u d-19 ta' Settembru 1943 l-Għaqda Każin Banda San Filep organizzat festa għall-okkażjoni li l-Italja kienet ċediet. Is-Sibt 18 ta' Settembru daqqet il-banda militari tal-K.O.M.R., il-Ħadd 19 ta' Settembru filgħodu, il-Banda San Filep għamlet marċ brijuż mat-toroq ta' Ħaż–Żebbuġ u filgħaxija il-Banda Kings Own għamlet marċ u wara programm mużikali.

Fl-1944 proprju fit-12 ta' Marzu ta' 50 sena ilu, ġiet ipprezentata ix-Xabla ta' l-Unur lill-Gvernatur Lord Gort, f'isem l-għaqdiet mużikali ta' dak iż-żmien, mill-Każin Banda San Filep. Il-Banda kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, Maestro Adeodato Gatt. Inkixfet Lapida kommemorattiva mal-faċċata tal-Każin li għadha tidher sal-lum u wara sar riċeviment kbir fil-każin.

It-8 ta' Mejju 1945 ġie dikjarat li l-Gwerra kienet spiċċat. Wara nofs inhar għal ħabta tat-3.15 p.m., il-qniepen tal-parroċċa tagħna daqqew mota ferrieħa ta' tmiem il-Gwerra. Filgħaxija, imbagħad, il-Banda San Filep għamlet marċ tal-Victory mat-toroq ta' Ħaż-Żebbuġ. Fil-programm fuq ir-Radio Calypso "Meta l-Banda Tibda Ddoqq" immexxi mis-Sur Frans Pullicino, Karmenu Ciantar, bandist anzjan, li dak inhar kien wieħed mill-bandisti li ħa sehem mal-Banda San Filep qal f'diskors ta' nostalġija "li qatt ma ra liż-Żebbuġin bħal dak inhar; tant kellhom ferħ ġo fihom li laqgħu il-Banda bi dmugħ ta' ferħ iġelben ma' ħaddejhom".

Fit-8 ta' Ġunju 1946, il-Għaqda Każin Banda San Filep reġgħet iċċelebrat "Jum ir-Rebħa" bi

programm mużikali f'Misraħ San Filep wara li ġie trasferit mit-8 ta' Mejju, minħabba li kienet il-festa ta' San Filep.

Iż-żmien kompla għaddej. Inħadem planċier ġdid għall-banda u dan iżżanżan fl-1947. Sar ix-xogħol tar-rikostruzzjoni tal-bini tal-każin u dan tlesta u ġie nawgurat fl-1955. Inxtrat strumentatura ġdida għall-banda li n-nefqa tagħha telghet għal £M3000 u fl-1961 saru festi kbar mill-Każin San Filep biex jiġi mfakkar għeluq il-mija u għaxar snin mit-twaqqif tal-Banda San Filep. Għal din l-okkażjoni saret lapida kommemorattiva, ġiet ippreżentata bandalora lill-banda u sar programm vokali u strumentali mill-Banda San Filep li kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha Maestro Adeodato Gatt.

## Il-Ħames Żmien tal-Banda Żmienna

Kien għadu bil-kemm spiċċa l-eku ta' dan l-anniversarju tal-Banda San Filep, u fix-xahar ta' Ottubru ta' din l-istess sena nfetaħ każin soċjali f'Ħaż-Żebbuġ bl-isem ta' "Tnax ta' Mejju". Madwar sentejn wara f'dan il-'Club' twaqqfet ukoll il-banda. Issa f'Ħaż-Żebbuġ ġejna bi tliet każini tal-banda.

Beda żmien ieħor ġdid għall-Għaqda Każin Banda San Filep. Il-Banda tagħna bdiet tiffaċċja sehem ġdid għal matul il-ġranet tal-festa ta' San Filep. Dan ma naqqas xejn mill-progress li kienet qiegħda tagħmel din is-soċjetà. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' festi speċjali kulħadd jiftakar li l-Każin San Filep dejjem ħareġ bl-unuri. Il-programmi mużikali kbar li tellgħet il-Banda San Filep fis-sena 1963 f'għeluq il-mitt sena ta' l-Istatwa ta' San Filep; fis-sena 1974 f'għeluq il-mitejn u ħamsin sena tar-Relikwija; fis-sena 1976 f'għeluq il-mija u ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tal-Banda; u fis-sena 1988 f'għeluq il-mija u ħamsa u għoxrin sena ta' l-Istatwa ta' San Filep, huma prova biżżejjed. Ma' dawn il-programmi mużikali speċjali nżidu l-programmi strumentali u vokali annwali kbar li kull sena l-Banda San Filep ittella' kull nhar lejlet il-festa. Mis-sena 1962 sas-sena 1987 il-banda kienet tkun immexxieha mis-Surmast Direttur tagħha Maestro Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M. Fl-1987 il-banda għaddiet għal taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha Maestro Michael Ciantar A.Mus.L.C.M. fejn għadha sal-lum. F'dawn is-seba' snin li s-Surmast Michael Ciantar ilu surmast direttur tal-banda għamel ħafna xogħol siewi fi ħdan il-banda San Filep. Hu qiegħed ikompli jagħmel ix-xogħol ta' fejda mis-surmastrijiet diretturi ta' qabel fit-tixrid u t-tkattir tal-kultura mużikali fi ħdan il-Għaqda – Każin Banda San Filep, u f'raħal twelidna Ħaż-Żebbuġ. Barra minn hekk id-don sabiħ ta' dan is-Surmast, li jaf imur b'tant ġentilezza mal-allievi u bandisti tal-banda, wassal biex illum il-Banda San Filep għandha ħafna żgħażagħ li tgħallmu jdoqqu magħha. Iż-żewġ programmi mużikali, komposti minn bandisti żgħażagħ tal-banda tagħna li ġew esegwiti waqt organizzazzjoni mtellgħa mill-Għaqda Każini tal-baned huma xhieda ta' dan li qegħdin ngħidu. F'dawn iż–żewġ okkażjonijiet iż-żgħażagħ tas-soċjetà tagħna ġew milqugħa tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Każin, bħala l-Palazz tas-Soċjetà, wieħed jista' jgħid li mill-1961 lil hawn kompli ġej 'il quddiem. Tajjeb li ngħidu li l-Każin San Filep kellu ċ-Cinema. Din is-sala li fiha kienu jintwerew il-films għal bosta snin kienet l-unika svog ghal bosta Żebbuġin. Maż-żmien iċ-ċinema ma baqax popolari u għalhekk id-diriġenti tal-każin kellhom iwaqqfu din l-attività. Ġew maqlugħa l-bankijiet, inbidel il-madum, saru dikorazzjonijiet fis-sala u llum qiegħda tintuża billi tinkera bi ftit flus għall-attivitajiet soċjo-familjari. Iż-żewġ soqfa taż–żewġ kmamar ta' fuq li jiġu għal ġol-pjazza inqalgħu u saru sala waħda kbira u sabiħa. Ġew irranġati iż-żewġ kmamar li jiġu għal ġo l-intrata u ħafna xogħol ieħor fil-parti l-qadima tal-każin. Inxtrat il-ġardina biswit il-każin u llum kull min jitla' mill-Pjazza għal Triq Sciortino jara l-bini mponenti ġdid tal-każin li mhux biss kompla sebbaħ lilu nnifsu iżda wkoll il-pjazza, u t-triq ta' l-inħawi. Nistgħu ngħidu, għax hekk hu, li m'hawnx każin ta' banda ieħor f'Malta jew Għawdex li għandu faċċata bħal Każin tal-Banda San Filep. Minn ġewwa, bix-xogħol li qiegħed isir mhux biss se jkompli jisbieħ iżda wkoll se jikkomoda aħjar lis-sezzjonijiet kollha li jħaddnu l-Għaqda Każin Banda San Filep.

Il-Banda San Filep, l-antika banda, meta seba' snin oħra jekk Alla jrid tiċċelebra l-mija u ħamsin sena mit-twaqqif tagħha, se jkollha każin li tiftaħar bih, b'pedament sod mibni minn missirijietna li

għaddewh lilna bla mittiefes, fejn aħna fid-dmir li ngħadduh aħjar lil ta' warajna. Dejjem taħt l-isem grandjuż ta' Każin Banda San Filep. Għalhekk bir-raġun kollu ntennu li "Aħna kburin u ferħanin, b'isem San Filep tul is-snin".

## *Maestro Orlando Crescimanno u l-Innu "A San Filippo d'Aggira"*

Waqt il-programm mużikali annwali tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep, festa tas-sena 1993, fost bċejjeċ mużikali oħra magħżula b'sengħa mis-Surmast Direttur preżenti, Maestro Michael Ciantar A.Mus.L.C.M., il-Banda San Filep, flimkien mal-Kor Parrokkjali mmexxi mis-Surmast John Ciantar, it-Tenur u l-Baxx, ilkoll flimkien taw interpretazzjoni mpekkabbli ta' l-Innu "A San Filippo d'Aggira" mużika ta' Maestro Orlando Crescimanno, Surmast Direttur ta' l-istess banda bejn l-1920 u l-1921.

Wara bosta snin, aħna d-dilettanti tal-banda , stajna nerġgħu nisimgħu jindaqq u jitkanta dan l-innu sabiħ li oriġinalment il-versi tiegħu kienu miktuba bit-Taljan mill-President Onorarju għal bosta snin, Mons. Carmelo Psaila, il-Poeta Nazzjonali u Żebbuġi; u issa ġie maqlub għall-Malti b'ħila kbira mill-Ex Arċipriet, iż-Żebbuġi u membru onorarju tas-soċjetà tagħna Mons. Lawrenz Cachia.

Dwar dan l-innu Maestro Orlando Crescimanno ħallilna hekk miktub dwar il-mexxejja tas-soċjetà mużikali tagħna. "L-insistenza bdiet kull ma tmur tikber sa ma kelli nċedi u nilqa' x-xewqa tal-partit." Dan l-Innu lil San Filep" kien ikkomponut lest biex jindaqq fil-20 ta' April 1920, u ndaqq għall-ewwel darba lejlet il-festa ta' San Filep ta' dik l-istess sena.

Għalkemm Maestro Orlando Crescimanno kien Surmast Direttur tal-Banda San Filep għal żmien pjuttost qasir kien perjodu twil biżżejjed għalih fejn sab żmien jikkomponi dan l-innu sabiħ, kif rajna s-sena l-oħra wara li ġie esegwit mill-Banda San Filep.

Orlando Crescimanno twieled l-Isla fl-1861, bin l-arkitett Giovanni Orlando u Michelina neè Bonnici. Hu studja l-arti tal-mużika taħt Mro.Giuseppe Malfiggiani von Walgenschafer u Mro. Anton Nani. Kien idoqq vjola fit-Teatru Rjali ta' Malta u fil-kappelli ta' Bugeja u Nani.

Maestro Orlando Crescimanno kien surmast direttur ta' dawn il-baned: De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, Vilhena tal-Furjana, Unione ta' Ħal Luqa u Leone tar-Rabat Għawdex. Fl-arkivju ta' dawn il-baned imsemmija nsibu innijiet sbieħ ta' dawn is-Surmast Direttur magħruf.

Matul dan iż-żmien tat-tmexxija ta' Maestro Orlando Crescimanno, il-Banda San Filep tat bosta kunċerti mużikali ta' livell għoli mxerrdin ma' Malta.

Maestro Orlando Crescimanno miet ġewwa l-Ħamrun fit-22 ta' Diċembru 1923.

### RIFERENZI


Castagna – Il-Mużika u l-Knejjes Tagħna.
Kaptan J.M. Wismayer – The Sunday Times 8-12-91
Rev. S. Ciappara – Storia del Zebbug e sua Parrocchia
Alf. Gullaumier – Bliet u Rħula Maltin.
F. Azzopardi – Tagħrif Lilna.
Dr. Joseph G. Borg LL.D. – Diskors miktub 1961.
Dun Salv. CAruana – L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep t'Aggira.
Lapidi – Presidenti – Surmastrijite.
Dun Salv Caruana – Kitba tiegħu It-Tnax ta' Mejju – Jum San Filep.
Il-Corriere Mercantile Maltese 1875.
G. Tanti – Tagħrif Lilna.
Luret Vella – Storja ta' Ħaż-Żebbuġ.
Mariella Attard – Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep.
Il-Bandist Onorarju George Cassar – Intervista.
Ġrajjiet il-Banda San Filep – Prog. snin imgħoddija.
It-Torċa – 31-1-65.
G. Psaila – Tagħrif Lilna.


## Bukkett Fjuri lil San Filep mid-Dilettanti tan-Nar

Bukkett fjuri, o xi sbuħija,
F'sema sfond iswed kollu lwien;
Offrut lilek San Filippu,
Ġej minn qlub imħeġġa bin-nirien!

Lejn Ħaż-Żebbuġ kulħadd iħares,
Xi sbuħija fil-logħob tan-nar;
Mat-tfaqqigħ, kuluri mżewqa,
Għal San Filippu l-Patrun setgħan.

Dan il-bukkett ta' murtaletti,
Beraq b'tant dija u kulur,
Frott il-id u xogħol mill-aqwa,
Ta' raħal twelidna hu unur.

Din talbhom, f'qalbhom ferħ u tama,
Offruta 'l fuq lejn is-smewwiet.
Lil Filippu lkoll isejħu,
Felħana jħossuhom fir-rebħiet.

U San Filep, mis-sema jħares,
Jitlob għal daw il-qalbenin,
Li taħt ħarstu jpoġġu kennhom,
Waqt sogru; f'ħin xogħolhom imħeġġin!!

**Philip Agius**
*8-5-76*
*Festa f'għeluq il-125 sena tal-Banda San Filep*